MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 451/2001/1

**Telepage Limited**

**Vs**

**Geres Health & Fitness Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tal-ammont ta' elf erba' mija u hamsin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm1450.39) rappresentanti l-prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta skond ftehim iffirmat fis-7 ta' Jannar, 2001 anness mal-avviz u mmarkat Dok A.

Bl-imghax u bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta li rappresentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

L-ammont ta’ Lm1450.39 mitlub mhuwiex dovut.

L-ewwel nett l-attur irid jipprezenta kont dettaljat tas-servizzi rezi minnu lis-socjeta’ konvenuta u kif dawn jaqaw taht il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fis-7 ta’ Jannar 2001, u esebit bhala Dok “A”.

Imbaghad wiehed jista’ juri b’izjed kjarezza ghaliex l-ammont mitlub mhuwiex dovut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-affidavits u dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza odjerna si tratta ta’ talba ghal pagament ghal servizzi rezi. Ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet hija regolata minn ftehim iffirmat bejn il-partijiet datat 7 ta’ Jannar, 2002.

Il-principju bazilari jipprospetta li ‘pacta sunt serranda’. Is-socjeta’ konvenuta tallega li mhux ma tridx thallas, izda ma tridx thallas aktar minn dak li huwa dovut ghal servizzi miftehma, u mhux oltre. Jinghad almenu li, fuq dak l-ammont li ma kienx kontestat, il-pagament messhu li ilu gie effettwat.

Se mai ssir kawza fuq ammont kontestat u kontestabbli, mhux fuq kollox. Inoltre, ghalkemm tammetti li ghandha taghti, qatt ma gie indikat l-ammont minnha stess dik li skond hi, huwa pagabbli minghajr kontestazzjoni. Jekk gie sottomess dan, din il-kontestazzjoni tirrigwarda l-ammont ta’ telefonati maghmulha. Is-socjeta’ konvenuta tallega li kellha ssir telefonata unika minghajr ebda follow-up. Pero' minn ezami mhux necessarjament akkurat tal-kuntratt u taz-zewg affidavits ma tirrizulta minn imkien din l-asserzjoni. Kien fl-interess reciproku li l-klijenti rispettivi jigu kuntattati. La hemm indikat u wisq projbit u/jew iffissat xi numri u/jew rikorrenza ta’ frekwenza ta’ telefonati. Donnu thalla fix-xelta diskrezzjonali izda ragunata tas-

socjeta’ attrici. Kif jirrizulta, sar follow-up lil dawk il-persuni li ma kellhomx kuntratt immedjat mieghu. Ma humiex frivoli u/jew zejda u/jew mhux necessarji.

It-Tribunal jiddeciedi billi, fil-waqt li jichad il-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta jilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont kif mitlub bl-ispejjes u bl-interessi u mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

--------------------------------TMIEM--------------------------------